# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-26 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Skużati** :

| | |
|---|---|
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**26.01 Talba**

26.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**26.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

26.02.01 Is-Sindku qalet li l-Kunsillier Sciberras infurmana li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji personali, filwaqt li l-Kunsillier Galea se jasal ftit minuti tard.

***Il-Kunsillier Galea ingħaqad magħna f'din il-laqgħa fis-6:05pm.***

**26.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 25**

26.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 25 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Viċi Sindku ssekonda.

**26.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.04.01 Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa li saret maż-żewġ soċjetajiet tal-banda rigward l-attività organizzata mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, inizjalment skedata għad-29 ta' Mejju 2026. Hija żiedet li matul il-laqgħa ma ntlaħaqx qbil bejn iż-żewġ partijiet dwar dan l-avveniment. Waqt il-laqgħa, u wara kjarifika mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u skond Kap 363 tal-Kunsilli Lokali, is-Sindku spjegat li l-Kunsill ma jistax joħroġ *no objection*, peress li l-avveniment ser isir fi triq arterjali li ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Minkejja dan, wara t-tħabbira tal-Elezzjoni Ġenerali għat-30 ta' Mejju 2026, is-Soċjetà Santa Marija ħabbret fuq il-midja soċjali li l-attività ġiet posposta għat-3 ta' Lulju 2026. Il-Kunsill irċieva wkoll komunikazzjoni formali permezz ta' email li kkonfermat dan il-posponiment. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

26.04.02 Dwar is-sejħa għall-kariga ta' *Administration Officer I*, is-Sindku infurmat li Ms Yolanda Vidal għarrfet lill-Kunsill li sabet impjieg ieħor. Hija infurmat ukoll li s-sejħa ser terġa' tinħareġ bħala waħda interna għall-istess kariga, sabiex ir-rekwiżiti tal-kariga jiġu allinjati ma' dawk stipulati fl-*MoU 3*, li nħareġ wara l-aħħar *Collective Agreement* tal-ħaddiema klerikali. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill ġie infurmat ukoll li, wara l-elezzjoni, ser ikun meħtieġ li jintalab il-permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG) u minn *Jobsplus* qabel ma tkun tista' tinħareġ is-sejħa. Il-Kunsillieri preżenti qablu b'mod unanimu li għandha terġa' tinħareġ s-sejħa għall-kariga ta' *Administration Officer I*.

26.04.03 Is-Sindku talbet aġġornament mingħand is-S.E. dwar il-ħidma tal-*accountant* il-ġdid tal-Kunsill. Is-S.E. infurmat li qed tgħaddilu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni neċessarja min-naħa tagħha. Żiedet tgħid li l-*accountant* kien ukoll f'kuntatt mal-awdituri; madankollu, minħabba li ċerti *templates* mitluba minnu ma waslux, huwa ħadem sabiex joħloqhom mill-ġdid. Hija qalet li x-xogħol miexi b'mod sodisfaċenti u li l-accountant qed jaħdem ukoll biex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet imsemmija fil-*Management Letter* tal-awdituri għas-sena preċedenti. Is-S.E. qalet ukoll li l-accountant talab li jiltaqa' mas-Sindku fir-rigward ta' xi *write-offs*. Is-Sindku saħqet fuq l-importanza li tintlaħaq l-iskadenza stabbilita bil-liġi għall-aħħar ta' Ġunju 2026. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

26.04.04 Is-Sindku talbet aġġornament dwar l-iskemi. Is-S.E. infurmat li ħadmet fuq il-*claims*, fejn fir-rigward tal-Milied waslu l-aħħar irċevuti u għad fadal is-sottomissjoni tal-claim lid-DLG u lill-Arts Council Malta, filwaqt li fir-rigward tal-Karnival għadhom pendenti xi rċevuti. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta' dan.

26.04.05 Is-Sindku infurmat li beda x-xogħol fuq il-bankina ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, li qed jitwettaq b'mod gradwali u mhux kollu f'daqqa. Hija spjegat li hemm xi sfidi relatati mar-rampi eżistenti, li jeħtieġu soluzzjoni adegwata b'konsultazzjoni mar-residenti affettwati. Is-S.E. infurmat li kellha komunikazzjoni mal-Perit rigward residenza partikolari fejn hemm bżonn issir *house connection*, sabiex ix-xogħlijiet jiġu kkoordinati b'mod xieraq u jiġi evitat li l-bankina tinfetaħ mill-ġdid wara li titlesta. Is-Sindku żiedet li l-bankina ser tkun magħmula bil-*porfido*. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota.

26.04.06 Is-Sindku infurmat li llum 18 ta' Mejju 2026 ġie ffirmat *MoU* bejn l-*ARMS* u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL), f'isem il-Kunsilli Lokali, sabiex jibda jingħata servizz ġdid mill-Kunsilli relatat mal-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Hija rringrazzjat lill-Ministru Miriam Dalli talli laqgħet it-talba tagħha biex dan is-servizz ikun jista' jiġi offrut mill-Kunsilli, fid-dawl li fil-każ tar-residenti Mqabbin bħalissa m'għandhomx fejn iħallsu dawn il-kontijiet fil-lokalità. Is-Sindku żiedet li din l-inizjattiva tħabbret ukoll waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret aktar kmieni fl-istess jum u li madwar 19-il Kunsill Lokali qed jipparteċipaw f'dan il-proġett pilota. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

26.04.07 Is-Sindku informat li l-art fi Triq Ġorġ Martin k.m. Triq il-Ħajt tal-Matla, li għaliha l-Kunsill kien ressaq talba għad-devoluzzjoni, ser tingħata lill-Kunsill. Hija spjegat li wara diversi diskussjonijiet mal-awtoritajiet konċernati, ġie maqbul li l-art tintuża primarjament għall-iżvilupp ta' parkeġġ pubbliku, filwaqt li parti minnha tkun allokata għal faċilitajiet sportivi. Is-Sindku qalet ukoll li, minħabba interess fl-istess art mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju għal spazju ta' ħażna, intlaħaq ftehim sabiex minn din l-art jiġu allokati 125 metru kwadru lil kull soċjetà mużikali tal-lokal għall-bini ta' maħżen, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tagħhom relatati mal-ħażna tal-armar tal-festa. Hija enfasizzat li, minħabba n-nuqqas ta' art pubblika disponibbli fil-lokalità, dan kien meqjus bħala arranġament ġust li joffri sostenn lill-għaqdiet volontarji tal-lokal. Is-Sindku żiedet li issa jeħtieġ li jiġi ffirmat MoU sabiex l-Awtorità tal-Artijiet tkun tista' tibda l-proċess tal-applikazzjoni tal-Planning Control, li sussegwentement iwassal għall-għoti tat-titolu. L-iffirmar tal-MoU huwa skedat għall-Ħamis, 21 ta' Mejju 2026, fis-1:00 p.m. fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


26.04.08 Is-Sindku qalet li l-attività "Stilel Taħt il-Kampnar 2026" kienet waħda mill-aktar attivitajiet ta' suċċess organizzati f'dawn l-aħħar snin. Hija rrimarkat li rċeviet diversi kummenti pożittivi mingħand il-pubbliku u rringrazzjat liż-żewġ Għaqdiet Mużikali tal-kollaborazzjoni tagħhom, li permezz tagħha seta' jiġi organizzat ukoll ix-*show* tan-nar bħala parti mill-attività. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

**26.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

26.05.01 Il-Viċi Sindku talab aġġornament mingħand is-S.E. dwar il-funtana fil-Ġnien Mikelanġ. Is-S.E. infurmat li ġie skedat il-mili tal-ġiebja bl-ilma sabiex il-persuna mqabbda tidentifika l-*water leak,* tkun tista' twettaq il-verifiki meħtieġa flimkien mal-ħaddiema waqt it-tħaddim tal-funtana. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

26.05.02 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-ħsara kkawżata lill-ħajt tal-Ġnien tal-Mentna wara li allegatament intlaqat minn vettura. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill ser ikollu jwettaq il-manutenzjoni meħtieġa, jew inkella jara l-possibbiltà li jingħata assistenza mid-Dipartiment tal-*Public Works*. Is-S.E. infurmat li mill-uffiċċju sar rapport formali mal-Pulizija u li sar ukoll kuntatt mal-Pulizija tal-Komunità dwar il-każ. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota.

26.05.03 Il-Viċi Sindku rrefera għal talba ta' manutenzjoni li kien ressaq f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill rigward kurduna mirduma, u diżlivell f'parti mill-ħajt tas-*central strip* fis-*service road* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-S.E. infurmat li t-talba kienet ġiet mgħoddija lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, iżda x-xogħol meħtieġ għadu ma twettaqx. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex issegwi l-każ mas-Sur Paul Mamo mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota.

26.05.04 Il-Viċi Sindku staqsa dwar ix-xogħol relatat mal-applikazzjoni tal-*liquid membrane* fil-funtana tal-Ġnien tal-Mentna. Is-S.E. spjegat li, wara li l-ħaddiema tal-Kunsill battlu l-ilma u naddfu l-bowls tal-funtana, din reġgħet imtliet bl-ilma minn terzi qabel ma setgħet tinxef u jiġi applikat il-*liquid membrane*. Hija żiedet li l-funtana reġgħet tbattlet mill-ħaddiema u li x-xogħol ser jitwettaq hekk kif tinxef kompletament. Is-Sindku tat struzzjonijiet sabiex l-applikazzjoni tal-*liquid membrane* ssir l-għada tal-laqgħa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

26.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ix-xogħlijiet tat-tarmak li saru reċentement fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku infurmat li, wara diskussjoni mal-Perit tal-*Public Works*, ġiet infurmata li t-tarmak eżistenti ser jitneħħa u jsir mill-ġdid. Fir-rigward tal-bankina fl-istess triq, li għadha miftuħa fuq il-bokka tax-xelter, is-Sindku spjegat li l-kuntrattur qed jistenna l-*precast slabs* sabiex ikun jista' jiffinalizza x-xogħlijiet. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li tiġi esplorata l-possibbiltà li, minflok il-*precast slabs*, tintuża struttura tal-metall simili għal dik installata fil-proġett ta' IM fi Triq il-Lanġasa. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġeriment jitressaq lill-Perit għall-kunsiderazzjoni tagħha. Il-Kunsillieri ħadu nota.

26.05.06 Il-Kunsillier Galea ġibdet l-attenzjoni li fir-*roundabout* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti għadha ma tiffunzjonax waħda mil-lampi tad-dawl tat-triq. Is-Sindku u s-S.E. ikkonfermaw li kien diġà sar rapport dwar dan il-każ. Is-Sindku talbet lis-S.E. tipprovdilha lista aġġornata tal-lampi tad-dawl tat-triq li għadhom ma ġewx imsewwija. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

26.05.07 Il-Kunsillier Galea talab aġġornament dwar il-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella. Is-Sindku infurmat li kienet ippjanata laqgħa ma' Transport Malta u Projects Green, iżda s'issa il-Kunsill għadu ma rċieva ebda *feedback*. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota.

26.05.08 Il-Kunsillier Galea rrimarka li wieħed miż-żewġ arbli tad-dawl li kellhom jitneħħew minn Triq il-Franka għadu ma tneħħiex. Is-SE. spjegat li l-arblu li kellu l-lampa tat-triq fuqu seta' jitneħħa wara li sar it-trasferiment tal-lampa fuq il-faċċata tar-residenza viċin. Madankollu, l-arblu l-ieħor għad għandu miegħu *cables* ta' servizzi tal-GO u /jew Melita u għalhekk ma jistax jitneħħa qabel ma dawn jiġu rilokati. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta' dan.

26.05.09 Il-Kunsillier Galea reġa' qajjem il-kwistjoni dwar jekk fil-passat kinitx allokata disabled bay fil-Pjazza taħt iż-żebbuġa. Is-S.E. infurmat li għadha ma vverifikatx din l-informazzjoni. Is-Sindku esprimiet il-fehma tagħha kontra l-allokazzjoni ta' disabled bay addizzjonali, peress li diġà teżisti waħda fil-Pjazza u dan iwassal għal tnaqqis fl-ispazji tal-parkeġġ. Il-Kunsillier Galea sostna li għandha tiġi allokata disabled bay oħra. Wara diskussjoni bejn il-Kunsillieri preżenti, ittieħed vot dwar il-proposta sabiex tiżdied disabled bay addizzjonali fil-Pjazza, in vista tal-fehma espressa mis-Sindku li diġà teżisti disabled bay f'din iż-żona u li allokazzjoni oħra kienet ser tkompli tnaqqas l-ispazji disponibbli għall-parkeġġ. Il-votazzjoni rriżultat f'vot wieħed favur (Noel Galea) u tliet voti kontra (Grace Marie Zerafa, Jonathan Dingli u Patrick Ghigo). Għaldaqstant, il-proposta ma ġietx approvata u ma ser tiġi allokata l-ebda disabled bay addizzjonali fil-Pjazza.

26.05.10 Il-Kunsillier Galea rrefera għall-istat tar-*rosemary* fis-*central strip* ta' Triq il-Konvoj, fil-viċinanzi ta' Triq il-Barrieri, li ġarrab ħsarat wara attività politika li saret fil-bypass. Is-Sindku infurmat li l-kwistjoni qed tiġi indirizzata minn Ambjent Malta. Il-Kunsillier Galea żied li fl-istess żona hemm ukoll dog bin li wkoll ġarrab ħsara, u s-Sindku wieġbet li tat struzzjonijiet biex jissewwa mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**26.06 Festa Madonna tal-Ġilju 2026**

26.06 Is-Sindku talbet aġġornament mingħand is-S.E. dwar il-permessi relatati mal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Is-S.E. infurmat li rċeviet kopja elettronika tal-permessi mitluba mis-Soċjetà lill-Pulizija u li, mill-Uffiċċju, intbagħtet in-*No Objection* meħtieġa. Żiedet tgħid li l-Għassa għadha qed tinsisti li tinżamm is-sistema preċedenti tal-ħruġ tal-permessi permezz tal-formoli tradizzjonali. Is-S.E. żiedet li kienet f'kuntatt mas-Segretarju tas-Soċjetà tal-Ġilju dwar id-dati u l-ħinijiet relatati mal-permessi għall-aċċess tal-garaxx minn fejn jinħareġ il-pjanċier, kif ukoll dwar l-arranġamenti għat-tindif tat-toroq u l-ftuħ tal-latrina pubblika matul il-ġimgħa tal-festa. Infurmat ukoll li l-ordnijiet relatati mal-mobile toilets, il-fjuri għal quddiem il-vara, u l-ambulanza ġew mibgħuta, u li minn din il-ġimgħa ser jibda l-proċess tal-ħruġ tal-permessi tal-kabbani. Il-Kunsillieri preżenti qablu li, fir-rigward tal-armar ta' mwejjed u siġġijiet fil-Pjazza, minn din is-sena l-permessi jinħarġu li jistgħu jarmaw sa massimu ta' 15-il metru kwadru.

Is-Sindku talbet lis-S.E. biex tibgħat tfakkira lis-sidien tal-ħwienet, bars u każini sabiex jirregolarizzaw ruħhom fir-rigward tal-permessi għall-imwejjed u s-siġġijiet sal-aħħar ta' Ġunju. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-Kunsill se jinforma lill-Pulizija sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa. Il-

Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

**26.07 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

26.07.01 Is-Sindku talbet lis-S.E. taqra l-korrispondenza riċevuta mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PA 04049/25, relatata mar-rikostruzzjoni ta' żewġ livelli ta' mħażen f'barriera eżistenti fiż-żona ta' Sqaq tal-Kanonku u Sqaq tax-Xatba l-Ħamra, l-Imqabba. Il-Kunsillieri ddiskutew l-applikazzjoni u qablu li waqt il-laqgħa informattiva, li għaliha ser tattendi s-S.E. fin-nuqqas tas-Sindku, tintalab kjarifika dwar jekk ingħatax il-*clearance* minn TM, fid-dawl tal-impatt possibbli fuq

it-traffiku minħabba l-aċċess propost. Fir-rigward tal-*public hearing*, il-Kunsillieri vvutaw b'mod unanimu favur li l-Kunsill ma joġġezzjonax għall-imsemmija applikazzjoni.

26.07.02 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**26.08 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

26.08.01 Il-Kunsill reġa' rċieva korrispondenza relatata ma' talba li kienet saret għal kumpens minħabba allegat ħsara fuq vettura kkawżata minn ħofra fi Triq Ħal Kirkop, l-Imqabba. Minkejja t-talba tal-Kunsill sabiex jiġu ppreżentati ritratti jew evidenza fotografika tal-ħsara, il-persuna konċernata infurmat li ma kien hemm l-ebda ħsara esterna viżibbli li setgħet tiġi dokumentata permezz ta' ritratti, u li l-ħsara kienet limitata għal komponenti interni tar-rota. Wara diskussjoni, il-Kunsillieri qablu li fin-nuqqas ta' evidenza li tista' tappoġġja t-talba, il-Kunsill ma jistax jipproċedi bil-każ.

26.08.02 Il-Kunsill irċieva kopja ta' korrispondenza mibgħuta minn Green MT lill-awtoritajiet kompetenti rigward allegazzjonijiet dwar attivitajiet ta' mili ta' barriera, li allegatament qed joħolqu riskji potenzjali għas-saħħa u s-sigurtà fil-viċinanzi ta' Triq Valletta l-Qadima. Il-Kunsillieri ddiskutew il-każ u, peress li s-sit imsemmi ma jaqax fil-konfini tal-Imqabba, il-Kunsill Lokali m'għandu l-ebda kompetenza diretta fuq din il-kwistjoni u għaldaqstant ma jistax jieħu azzjoni f'dan ir-rigward.

26.08.03 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand residenta dwar tħassib relatat mas-sigurtà fit-traffiku fi Triq Ħal Kirkop, fejn irrappurtat li diversi vetturi qed jevitaw li jgħaddu minn fuq il-hump li tinsab quddiem ir-residenza tagħha billi jersqu lejn in-naħa tal-parkeġġ, u b'hekk qed jinħoloq periklu meta tkun qed toħroġ mill-garaxx tagħha. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jikkuntattja lir-residenta kkonċernata sabiex jiġi vverifikat jekk taqbilx li l-hump tiġi estiża sa ħdejn ir-residenza tagħha, sabiex il-vetturi ma jkunux jistgħu jevitawha. Fil-każ li jingħata l-kunsens tagħha, il-Kunsill se jkompli bil-proċeduri meħtieġa sabiex titwettaq l-estensjoni tar-road hump.

26.08.04 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand residenta li talbet sabiex parti minn Triq il-Lanġasa ssir one-way, minħabba d-djuq tat-triq. Wara diskussjoni dwar it-talba, il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra ta' konsultazzjoni lir-residenti ta' parti minn Triq il-Lanġasa, bejn Sqaq Nru 1 u Triq San Bażilju (in-naħa ta' Triq Valletta), sabiex jiġu infurmati li hemm il-ħsieb li din il-parti tat-triq issir one-way, ħruġ lejn Triq San Bażilju, in-naħa ta' Triq Valletta.

26.08.05 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident biex issir road hump fi Triq il-Franka. Il-Kunsillieri ddiskutew din it-talba u qablu li tintbagħat ittra ta' konsultazzjoni lir-residenti ta' Triq il-Franka.

**26.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

26.09.01 Il-Viċi Sindku rrefera għal reinstatement fi Triq tas-Sejba, fid-daħla minn Pjazza Ġublew tad-Djamanti, viċin il-bus stop, li qed jikkawża inkonvenjent lir-residenti minħabba l-ħsejjes li jinħolqu meta jgħaddu l-vetturi minn fuqu. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex tikkuntattja lill-WSC biex issir il-manutenzjoni meħtieġa. Is-Sindku talbet ukoll lis-S.E. ukoll sabiex tavża lill-kuntrattur biex ir-refresh tar-road hump u taż-zebra crossing, li jinsabu viċin l-imsemmi reinstatement, jitwettqu fl-istess ħin. Fir-rigward tas-suġġeriment tal-Kunsillier Galea biex l-imsemmija road hump tinbidel għal waħda tat-

tarmac, wara diskussjoni dwar is-suġġett, il-Kunsill qabel li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jitwettaq.

26.09.02 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-traffic cone li tqiegħed fuq il-bankina fi Triq Karmenu Ciantar, fejn fadal jiġi installat l-aħħar decorative lantern. Is-Sindku spjegat il-każ kif seħħ u qalet li xi ħadd kellem lil xi ħadd sabiex jingħata l-wiċċ tal-parti tal-bankina li kienet tħalliet miftuħa minn fejn għaddew is-servizzi waqt il-kostruzzjoni ta' binja privata. Hija żiedet li l-Perit responsabbli mix-xogħol ta' IM fi Triq il-Franka ngħatat struzzjonijiet biex issir din il-bankina minħabba l-periklu, mingħajr ma l-Kunsill ġie infurmat. Is-Sindku qalet li argumentat mal-Perit dwar dan, peress li l-ftehim kien li, hekk kif jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni, il-Perit responsabbli mix-xogħol fuq il-bankini fi Triq Karmenu Ciantar tagħti struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex ilesti din il-parti tal-bankina bl-istess mod u materjal li ntużaw fil-bqija tat-triq. Hija żiedet li jidher li dalwaqt ser jibda xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sit biswit, li jfisser li l-arblu xorta ma jistax jiġi installat għalissa. Għaldaqstant, kien hemm qbil li din il-bankina tingħalaq temporanjament bil-konkos, filwaqt li l-bażi tal-arblu, li tinsab mgħottija bl-imsemmi cone minħabba l-periklu, tibqa' kif inhi sakemm jitlesta l-bini, u wara l-bankina ssir skont il-ftehim. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex jinxtara cone ikbar u jitwaħħal sew sabiex il-periklu jiġi indirizzat b'mod adegwat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

26.09.03 Il-Kunsillier Ghigo rrefera għal lampa tat-triq fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, faċċata tal-pet shop, li minkejja li ġiet mibdula ftit tal-jiem ilu, għadha mhux qed tiffunzjona. Is-S.E. infurmat li ser tivverifika dwar ir-rapport li sar dwar dan il-każ. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota.

26.09.04 Il-Kunsillier Ghigo semma l-ostakolu biswit ir-rampa tal-entratura għaċ-ċimterju b'vettura pparkjata fil-post. Is-Sindku talbet lis-S.E. tibgħat lil TM talba sabiex issir keep clear quddiem l-imsemmija rampa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**26.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/26**

26.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/26 ġiet approvata.

**26.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

26.11.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2026 fis-5:45 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2026.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |